# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Marzu 2021**

Appell numru: 181/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Nader Abulghasem BENAMAR**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Settembru 2020 fil-konfront ta' Nader

Abulghasem BENAMAR, karta tal-identita' bin-numru 24850A li ġi mixli (in suċċint):

> Talli nhar is-6 ta' Settembru, 2019 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-Mellieħa u fil-Gżejjer Maltin:

i) Ikkaġuna biża' li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna tal-konjuġi jew il-propjeta' tagħha jew ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuni jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap. 9;

ii) Kiser il-kundizzjonijiet impostu fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Astrid May Grima nhar it-23 ta' Lulju, 2019.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddikjarat lil Nader Abulghasem BENAMAR ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfrot tiegħu u kkundannatu għal sitt xhur priġunerija effettiva. Ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lill-ħati Nader Abulghasem BENAMAR b'ordni ta' protezzjoni għal żmien ħames snin mid-data tas-sentenza għall-protezzjoni ta' Sera Jane Benamar, uliedha u l-familjari tagħha.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Nader Abulghasem BENAMAR appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla u bla effett u tirrimetti l-atti lura sabiex l-appellant ma jkunx ipprivat mill-benefiċċju tad-doppio esame u alternattivament tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati taż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement

tilliberah minnhom u fin-nuqqas ta' dan, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan kollu wara li stqarr is-segwenti:

(i) In-nullita tas-sentenza ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap. 9 għaliex fis-sentenza tagħha ma ssemmix l-Artikolu li jikkontempla r-reat. Il-Qorti tal-Maġistrati fid-deċide tagħha sabet ħtija wara li qieset, fost oħrajn, l-Artikoli 31g u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali. Illi jingħad li l-Artikolu 31g tal-Kap. 9 ma jeżistix u għalhekk semmai l-Qorti kellha tieħu konsiderazzjoni tal-Artikolu 31(1)(g)! In oltre, l-Artikolu 202(h) huwa wkoll ikkwalifikat f'ħafna ċirkostanzi li għalkemm huma kollha aggravanti, ma japplikawx kollha f'kull każ iżda huma biss uħud minnhom li japplikaw għall-fattispecie tal-każ.

Għalhekk, il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tannulla s-sentenza u tirrimetti l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati u dan sabiex l-appellant ma jkunx ġie mċaħħad mill-benefiċċju tad-doppio esame. Dan qiegħed jingħad għaliex dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet it-tnejn jikkontemplaw żieda fil-piena u għalhekk jekk il-Qorti tal-Maġistrati qieset xi artikolu tal-Liġi żbaljat ma hemmx konklużjoni oħra hlief li l-imputat seta' jiġi biss ippreġudikat. U din il-Qorti ma tistax tkun ċerta liema artikolu tal-Liġi ġie kkunsidrat mill-Qorti tal-Maġistrati iżda tista' biss tassumi.

(ii) Illi l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u dan għaliex il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-Liġi. Jidher li l-ewwel Qorti straħet ampjament fuq ix-xhieda viva voce tal-parte ċivile filwaqt li ma kkunsidratx l-inkonsistenzi fid-depożizzjoni tagħha. Konsegwentement dak li xehdet ma kellux jingħata l-piż li ngħata.

Il-Qorti rrifjutat li tirċievi l-aktar prova li setgħet tkun imparzjali u cioe' l-filmat tal-ħanut. Dak il-ħin il-Qorti rrilevat: ''Mgħandiex għalfejn nara filmati spjegat tajjeb is-sinjura.'' L-ispjegazzjoni li tat il-parte ċivile ma kienet ikkorraborata bl-ebda prova oħra. Il-verżjonijiet tal-appellant, li xehed f'dawn il-proċeduri u dawk tal-parte ċivile huma konfliġġenti għall-aħħar u totalment l-oppost ta' xulxin hekk kif il-parte ċivile tgħid li indirizzaha u kellimha anki pastaż mentri huwa jgħid li lilha qatt ma kellimha iżda li kellem lis-sid tal-ħanut.

Il-parte ċivile marret tagħmel rapport mal-pulizija mhux għax kienet qiegħda tibża iżda għaliex il-konsulent legali tagħha qallha sabiex tikkawtela l-pożizzjoni tagħha bil-Liġi.

Il-prosekuzzjoni naqqset ukoll milli tipprova l-elementi kostitutivi tar-reat ravviżat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9. Il-course of conduct ma ġiex ippruvat. Allegat avveniment wieħed f'data u f'ħin speċifiku ma jista' qatt iwassal għal ħtija taħt l-Artikolu 251B. Iktar u iktar bħal fil-każ odjern meta

seħħ inċident ta' darba u kien ta' ftit minuti. Minkejja li l-appellant ġie akkużat kemm fuq is-6 ta' Settembru kif ukoll fix-xhur ta' qabel, ma nġiebet ebda prova ta' dak li ġara fix-xhur ta' qabel. L-unika prova tal-course of conduct huwa kliemha meta din qalet: 'xhur ta' qabel ijwa mela swat, tkissir jheddidni dejjem li ħa joħodli t-tfal dejjem kienu hemm'. Ma ġie ppreżentat ebda rapport fuq dan. Ir-rapporti li ġew esebiti huma kollha differenti iżda ebda minnhom ma jindika swat, tkissir jew theddid.

Għal dak li jirrigwarda l-ksur tal-ordni ta' protezzjoni, l-appellant xehed li ma kinx jaf li dakinhar tal-inċident hija kienet qiegħda hemmhekk. In oltre huwa qatt ma mar biex ikellem lilha iżda biex jixtri u kif kien hemm ra lit-tifla.

Din il-Qorti qiegħda tiġi mitluba tikkunsidra li l-appellant qatt ma kellu l-element formali jew intenzjonali sabiex iwettaq dawn ir-reati. Huwa ċar li l-appellant ma ppruvax javviċina lix-xhud u jikser l-ordni ta' protezzjoni iżda kien biss sfortunat li dakinhar inzerta lil parte ċivile. Fl-assenza tal-element formali tar-reat ma jistax ikun hemm responsabilita' kriminali. L-att materjali jrid ikun sar b'volonta' u bir-rieda sabiex tinstab ħtija kriminali.

(iii) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija waħda eċċessiva. Il-fedina penali tal-appellant hija waħda nadifa. Il-piena nflitta ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

## Ikkunsidrat

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-

Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli

---

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

23. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

24. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-

riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

25. Din il-Qorti tibda qabel xejn sabiex tistħarreġ il-preġudizzjali tan-nullita li l-appellant eċċepixxa ai termini tal-Artikou 382 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant jikkontendi illi s-sentenza appellata hija nulla in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati, fis-sentenza tagħha, naqset milli ssemmi l-artikolu li jikkontempla r-reat u dan meta hija semmiet artikolu tal-Liġi li ma jeżistix (l-Artikolu 31g) u dispożizzjoni tal-Liġi li ma tikkontemplax ir-reat iżda ċ-ċirkostanzi aggravanti tiegħu (l-Artikolu 202(h)).

26. Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-elementi - meqjusa ad validitatem - li sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għandu

jkollha tinkludi **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat,**[10] **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield,**[11] **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon,**[12] **Il-Pulizija vs. Carmel Attard,**[13] **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia,**[14] **Il-Pulizija vs. Philip Zahra,**[15] **Il-Pulizija vs. Francis Mallia,**[16] **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra,**[17] **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia,**[18] fost l-oħrajn, mnejn jirriżulta li dawn l-elementi imsemmija fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali qegħdin hemm biex jiġu osservati skrupolożament. L-interess ġuridiku tutelat b'din id-disposizzjoni u l-interpretazzjoni mogħtija lilha mill-ġurisprudenza iddur madwar il-fatt li n-nuqqas t'osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti jista' joħloq inċertezza fil-moħħ tal-imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Fi kliem ieħor, minn qari tal-parti operativa tas-sentenza, l-imputat irid ikun f'pożizzjoni illi jifhem b'mod ċar il-bażi legali tal-ħtija tiegħu u l-fatti li fuqhom il-Qorti tkun hekk qiegħda ssibu ħati. Il-ġurisprudenza ma tippermettix wisq impreċiżjonijiet li jolqtu s-sustanza ta' dan l-interess ġuridiku tutelat.

27. Iżda mhux kull impreċiżjoni fit-tħaris tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali twassal għan-nullita' tas-sentenza appellata. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa ċar fil-lokuzzjoni tiegħu li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sentenza valida. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti huwa li sentenza jrid ikun fiha referenza **għall-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat.** Dan ifisser li sentenza tkun nulla jekk ma

[10] Qorti tal-Appell Kriminali (10.6.1994)
[11] Qorti tal-Appell Kriminali (27.4.06)
[12] Qorti tal-Appell Kriminali (17.1.2019)
[13] Qorti tal-Appell Kriminali (6.6.2007)
[14] Qorti tal-Appell Kriminali (19.11.2015)
[15] Qorti tal-Appell Kriminali (28.9.2017)
[16] Qorti tal-Appell Kriminali (25.2.1965)
[17] Qorti tal-Appell Kriminali (26.5.1994
[18] Qorti tal-Appell Kriminali (28.5.1987)

tkunx issemmi d-dispożizzjonijiet tal-Liġi li tikkontempla r-reat. Dwar dan il-punt il-ġurisprudenza hija wkoll varja minħabba l-isfumaturi li tali nuqqas jew impreċizjoni jista' jassumi. Iżda s-sustanza ta' din id-disposizzjoni tibqa' ċara – in-nullita titnissel fil-każ li l-Qorti tonqos li ssemmi **l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat.**

28. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) erronjament iċċitat l-Artikolu 31(g) minflok l-Artikolu 31(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali. Biss ma hemm l-ebda dubju li din id-dispożizzjoni tal-Liġi mhix artikolu tal-Liġi tikkontempla r-reati li tagħhom instab ħati l-imputat. Fi ftit kliem, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) żbaljat meta kienet impreċiża fir-riferenza li għamlet għal dan l-artikolu; iżda fi kwalunkwe każ, dik il-Qorti ma kellhiex għalfejn tiċċita dan l-artikolu fid-deċide tas-sentenza tagħha in kwantu dan l-artikolu mhux artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat. Forsi dik il-Qorti inkludiet ir-riferenza għal dak l-artikolu biex tispjega ruħha aħjar dwar kif kienet qegħda tqis il-fatti tal-każ magħqudin mal-Liġi applikabbli. Iżda, strettament, is-sentenza kienet tkun valida anke mingħajr l-inklużjoni tal-artikolu 31(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali fid-deċide tas-sentenza. In definittiva l-inklużjoni ta' dan l-artikolu kienet superfluwa, mhix meħtieġa ad validitatem, u konsegwentement l-impreċiżjoni fil-mod kif dan l-artikolu ġie miktub mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċide huwa inkonsegwenzjali relattivament għall-preġudizzjali tan-nullita sollevata minħabba f'din l-impreċiżjoni.

29. Dan qed jingħad oltre l-fatt li din l-impreċizżjoni kienet ukoll ritenibbli bħala "lapsus calami vel computeri" li kwindi lanqas ma jġib in-nullita' tas-sentenza fit-termini tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali

u dan ukoll in bażi għal dak mistqarr, inter alia, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Martin Pillow**[19] fejn ingħad :

> In kwantu ghall-ewwel aggravju huwa evidenti li r-riferenza ghall-avviz legali 52/1996 huwa lapsus calami li ma jwassalx ghas-sanzjoni estrema tan-nullita' tas-sentenza appellata minkejja dak provdut fl-artikolu 382[20] tal-Kodici Kriminali peress li hu wisq evidenti mis-sentenza appellata stess li l-indikazzjoni 52/1996 hi wahda manifestament zbaljata u li l-indikazzjoni korretta li ghaliha riedet tirreferi l-ewwel Qorti kienet dik ghall-Avviz Legali 52/1986..

30. L-appellant jeċċepixxi n-nullita tas-sentenza wkoll minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tagħmel riferenza għall-Artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali mingħajr ma din indikat liema mis-subinċiżi kienu japplikaw fil-każ in diżamina. Għal darb'oħra, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jipprovdi l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li jeħtieġ li l-Qorti ssemmi l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla **<u>r-reat</u>**. L-artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi sett ta' ċirkostanzi aggravanti li huma reżi applikabbli għal diversi tipoloġiji ta' reati mxerda mal-Kodiċi Kriminali. Fejn u meta applikabbli, dawn iċ-ċirkostanzi aggravanti jista' jkollhom piż fuq il-kwantum tal-piena erogata fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. Iżda, in kwantu tali, ma jistax jingħad li l-artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali huwa artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat. Semmai huwa artikolu li jista' jikkontempla ċirkostanza aggravanti għar-reat li tiegħu imputat ikun jista' jiġi misjub ħati. Dment li s-sentenza tkun tinkludi fiha l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk ikun fiha wkoll

[19] Deċiża nhar it-18 ta' Novembru 2011.

[20] Ara Appelli Inf P v Lorenzo Attard, 25/08/2008; P v Mark Sapiano, 8/05/2006; P v Robert Sultana, 22/03/2005; P v Marbeck Cremona, 10/09/2007. Ara wkoll dwar l-effett ta' lapsus calami in generali: Appell Inf P v Paul Borg, 6/10/2003; P v Amanda Pace, 1/10/2003; P v Anthony Rapa, 19/09/2007; P v Carmel Dimech et, 2/11/2007; P v Charlot Aquilina, 20/05/2009; P v David Briffa, 22/04/2009; P v Emanuel Bugeja, 19/02/2004; P v Francesca Bell, 29/03/2006; P v Francis Camilleri, 25/06/2001; P v Jeffrey Savage, 1/06/2011; P v James Demanuele, 10/10/2004; P v Jeffrey J. Brincat et, 22/08/2007, u diversi ohrajn.

riferenza għall-artikolu li jikkontempla r-reat - dik is-sentenza tibqa' valida anke jekk setgħet kienet impreċiża fis-sens li inkludiet riferenza għall-artikolu li joħloq ċirkostanzi aggravanti bħal ma huwa l-artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali mingħajr ma ssemmi wkoll liema paragrafu tas-sub-inċiż 202(h) tal-Kodiċi Kriminali kien applikabbli għall-fattispecie. F'dan il-kuntest, fejn u meta applikabbli, għandu jiġi inkluż l-artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali biex il-Qorti tindika li r-reat huwa wkoll kwalifikat b'ċirkostanza jew ċirkostanzi aggravanti, li jkun jirriżulta mill-provi miġjuba fil-każ de quo, u huwa awspikabbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun ukoll aktar preċiża fir-riferenza li hija tagħmel għal dik iċ-ċirkostanza aggravanti partikolari li tkun tirriżulta mill-provi fil-każ de quo. Iżda ma jistax jingħad li għax il-Qorti tkun naqset milli ssemmi l-paragrafu partikolari tal-artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali talvolta applikabbli għall-każ, allura s-sentenza tkun nulla minħabba dan in-nuqqas. Jiġi ribadit li dan in-nuqqas mhux nuqqas ta' Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li ssemmi l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat u b'hekk mhux nuqqas li jwassal għan-nullita tas-sentenza appellata.

31. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tqisx li hemm mankanza fil-formalitajiet li jirrikjedi l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk qiegħda tirrespinġi l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

32. Ix-xiehda prinċipali f'dan il-każ hija dik tal-parti leża Sarah Jane Benamar fuq naħa u dik tal-appellant li xehed fil-proċeduri. Il-

parte leża’ tixhed kif dakinhar tas-6 ta’ Settembru tas-sena 2019, l-appellant daħal fil-kċina tal-ħanut fejn kienet taħdem hi ġewwa l-Mellieħa. Fost ħafna storbju u għajjat l-appellant beda jipponta subgħajh lejha u jheddidha li sejjer jirraportaha l-Labour Office, ‘’naf li hawn taħdem ħa naħxik mal-labour office u ħa nibqa’ niġri warajk’’.[21] Qalet li semgħetu jgħajjat mal-imgħallem tagħha u jgħid li kien sejjer joħdilha t-tfal. Tixhed ukoll li fix-xhur ta’ qabel kien hemm episodji ta’ swat, tkissir u theddid li sejjer joħdilha t-tfal.[22]

33. Il-Prosekuzzjoni esebiet diversi rapporti li kienet għamlet il-parti leża fil-konfront tal-appellant: l-ewwel minn dawn ir-rapporti sar fl-10 ta’ Marzu tas-sena 2019,[23] segwit b’rapport ieħor ftit tal-jiem wara fit-22 ta’ Marzu, segwit b’rapport ieħor li sar fis-16 ta’ Mejju[24] u l-aħħar rapport hekk esebit jidher li sar fis-6 ta’ Settembru tal-istess sena[25] u dan tal-aħħar b’rabta mal-inċident mertu ta’ dan il-każ.

34. L-appellant xehed fis-seduta ta’ nhar il-10 ta’ Lulju, 2020. Huwa jgħid kif mar fil-ħanut ta’ faċċata tad-dar tiegħu sabiex jixtri minn hemm - kif dejjem għamel. Minn naħa ta’ barra tal-ħanut huwa ra lill-bintu fil-kċina ħdejn ommha - minkejja li ġurnata qabel il-parte leża kienet qaltlu li t-tfal - fosthom din it-tifla li huwa ra fil-kċina - ma setgħetx tattendi l-Appoġġ fejn hu kien imissu l-aċċess għaliex it-tfal kienu kollha morda.

[21] Fol. 43 tal-atti proċesswali.
[22] Fol. 45 tal-atti proċesswali.
[23] Fol. 29 tal-atti proċesswali.
[24] Fol. 35 tal-atti proċesswali.
[25] Fol. 38 tal-atti proċesswali.

35. In kontro-eżami jgħid li kien jaf li l-mara tiegħu taħdem hemm iżda qal li ma kienx jaf li dakinhar u dak il-ħin hija kienet hemm. L-appellant jgħid li kif ra lil bintu fi kċina irrealizza li kien hemm diversi modi kif hija setgħet tweġġa u għolla leħnu ma' sid il-ħanut billi qallu li ma kienx ser jirraportah iżda li dik it-tifla mhux suppost kienet qiegħda hemm. Jixhed ukoll li lil parte leża qatt ma kellimha u qatt ma resaq lejha.

**Ikkunsidrat**

36. Illi dawn iż-żewġt verżjonijiet jikkuntrastaw b'mod qawwi hekk kif skont il-parte leża, l-appellant avviċinaha u heddidha b'subgħajh ippontat f'wiċċha filwaqt li mill-banda l-oħra skont l-appellant huwa qatt ma kellem lil parte leża direttament u ma kienx jaf li hija kienet qiegħda hemmhekk dakinhar.

37. F'dan ir-rigward kwindi l-Qorti terġa' tagħmel referenza għar-regola fundamentali fl-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali li tipprovdi li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tagħżel li temmen verżjoni ta' xhud u mhux ta' ieħor u b'dan il-mod, serenament tasal għal ġudizzju legalment korrett. Din ir-regola torbot mal-prinċipju l-ieħor imsemmi wkoll aktar il-fuq li verżjonijiet kontrastanti mhux neċessarjament iwaslu għal-liberazzjoni tal-appellant; hekk kif mhux kull kunflitt fil-provi jaf ikun tali li jħalli dubju raġonevoli f'moħħ il-ġudikant.

38. Kif intqal qabel, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ukoll f'pożizzjoni aktar avvantaġġjata minn din il-Qorti tal-Appell in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati rat u semgħet lix-xhieda jixhdu quddiemha viva voce. B'dan il-mod dik il-Qorti evalwat ukoll il-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xiehda b'mod tali li hija waslet għall-konvinzjoni morali li verżjoni ta' xhud kienet iktar verosimili mill-verżjoni l-oħra.

39. Applikati dawn il-prinċipji għal każ in diżamina, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-ġudizzju tagħha billi tqis iktar verosimili l-verżjoni tal-parte leża u tiskarta dik tal-appellant. Il-kwistjoni kollha li jeħtieġilha tistħarreġ din il-Qorti f'dan l-istadju hija jekk minn tali xhieda tal-parte leża jirriżultawx l-estremi li trid il-Liġi sabiex tissussti ħtija fl-appellant għar-reati hekk imputati lilu.

40. Illi l-ewwel imputazzjoni hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali li tgħid is-segwenti:

> (i) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet,....

41. Illi mill-lokuzzjoni ta' din il-Liġi jemerġu dawn l-elementi li jridu jiġu ppruvati:

(i) li s-suġġett passiv tar-reat ħass "biża". Il-Liġi ma tiddefinix xi tfisser b'"biża". B'hekk trid tingħata t-tifsira ordinarja għal din il-kelma. F'dan il-kuntest, il-biża titqies dik is-sensazzjoni fis-

suġġett passiv li jagħraf li jkun riesaq lejh xi periklu li minħabba fih tista ssirlu xi ħsara lilu jew lill-proprjeta tiegħu jew ta' xi familjari tiegħu;

(ii) is-suġġett passiv irid ikun ħass din il-biża' f'iktar minn okkażjoni waħda (l-hekk imsejħa **course of conduct**). Dwar il-**course of conduct**, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**[26], qalet hekk:

Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda[27].

'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:

"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza ttest Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fissubartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:

'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they

[26] Deċiża nhar l-24 ta' April 2009.
[27] Deċiża 7 ta' Marzu, 2012.

can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'

"Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet talArtikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata flimsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza rreat kontemplat flArtikolu 251B(1) tal-Kap. 9.4

42. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**[28] intqal is-segwenti:

"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra talappellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

43. Illi huwa stabbilt allura li sabiex jissussiti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien. U sabiex il-Qorti tasal tifhem jekk kienx hemm **course of conduct**, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiegħsa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena. Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fil-komparixxi b'mod tali li l-

[28] Deċiża fil-21 ta' Frar 2012

imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[29] il-Qorti tal-Appell Kriminali iddefiniet 'ir-retroxena' bil-mod segwenti:

> "…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

44. Illi fl-Artikolu 251B(2)[30] tal-Kodiċi Kriminali l-Leġislatur jintroduċi test oġġettiv sabiex jiġi eżaminat jekk il-komportament tas-suġġett attiv tar-reat, f'dik l-okkażjoni partikolari setgħax jagħti lok għal sensazzjoni ta' biża fis-suġġett passiv tar-reat. Issa x'jammonta għal "biża'" jaf ivarja minn persuna għall-oħra nonche minn ċirkostanza għall-oħra. B'hekk permezz ta' dan is-subinċiż il-ġudikant għandu japplika t-test tal-bniedem raġonevoli li wkoll irid jidħol fiż-żarbun tas-suġġett passiv tar-reat. Il-Qorti trid għalhekk tiżhen iċ-ċirkostanzi partikolari soġġettivi tas-suġġett passiv u tgħaddihom mill-għarbiel tat-test tar-raġonevolezza f'persuna ordinarja meta impoġġija f'dik is-sitwazzjoni **f'kull waħda minn dawk l-okkażjonijiet.**

45. Jiġifieri biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal biex issib ħtija f'persuna in bażi għar-reat imsemmi fl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li jkun hemm ukoll element oġġettiv li fuqu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tqis li jkun hemm verament bażi għal

[29] Deċiża 21 ta' Ġunju 2007
[30] Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik limġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

biża rikjesta mill-Liġi. F'bosta każijiet ta separazzjoni personali jkun hemm ċertu element ta' pika u attrit bejn il-konjuġi. Bosta drabi wkoll jirrikorru għal ċerti strataġemmi u tattiċiżmi li mhux dejjem jgħinu lil Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jiddixxernu liema jkunu dawk il-każijiet ġenwini fejn verament ikun hemm il-biża rikjesta mill-Liġi u liema ma jkunux każijiet ġenwini. Mhux kull pika jew kwistjoni jew argument bejn konjuġi, inkluż dawk li jinvolvu lit-tfal minuri iwaslu biex dan ir-reat jiġi integrat. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jixtarru l-fatti f'kull każ u jaraw kemm ir-riskontri soġġettivi u oġġettivi rikjesti biex iqisu jekk dan ir-reat ikunx jista' jitqies integrat o meno.

46. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal li temmen il-verżjoni tal-parti leża dwar l-inċident tas-6 ta' Settembru 2019 u setgħet ukoll tqis li l-parti leża ħassitha mbeżża' mill-komportament tal-appellant. Iżda din il-Qorti ma tistax tqis dan l-episodju waħdu in kwantu r-reat addebitat lill-appellant mhux ir-reat imsemmi fl-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali – fejn anke episodju waħdieni ta' biża ta' vjolenza jkun biżżejjed biex jintegra dak ir-reat - iżda r-reat taħt l-Artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali li, kif ingħad jeħtieġ il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni tal-**course of conduct** da parti tas-suġġett attiv tar-reat biex jitqies integrat.

47. B'hekk din il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellhiex bażi fattwali u legali biżżejjed biex tkun tista' tqis li f'dan il-każ kien hemm dan il-**course of conduct** rikjest mill-Artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali da parti tal-appellant. Il-Prosekuzzjoni eżebiet diversi rapporti mnejn jirriżulta li l-parti leża ikkwerelat lill-

appellant għal dawn id-diversi episodji. Biss minn ħarsa lejn dawn ir-rapporti, ma jirriżultax li f'dawn il-kwereli li Sarah Jane Benamar għamlet kontra l-appellant, meħuda waħedhom, kien hemm l-estremi li fil-konfront tagħha u/jew ta' uliedha, ta' xi episodji li juru l-biża li kienet sejra tiġi eżerċitata **xi vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti** bħal, per eżempju kwereli ta' xi theddid jew użu ta' forża fiżika fuqha jew ta' ħsara patrimonjali fir-rigward tagħha jew ta' xi ħadd minn uliedha jew familjari tagħha. Dawn ir-rapporti fihom referenzi għal episodji ta' kwistjonijiet u kunflitti tipiċi bejn kopja li tinsab għaddejja mill-proċess ta' separazzjoni ta' natura kunflittwali.

48. Biss il-Qorti rat ukoll li dawn il-kwereli jridu jitqiesu wkoll fl-assjem tagħhom u fl-isfond aktar wiesa tar-retroxena tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Fix-xiehda tagħha Sarah Jane Benamar xehdet li kien hemm episodju preċedenti ta' swat, tkissir u theddid li ad opera tal-appellant li seħħ xi xhur qabel. Dan jirriżulta wkoll li kien in bażi għall-ħruġ tal-ordni ta' protezzjoni meritu wkoll ta' dan il-każ. Il-parte leża eżebiet kopja legali tar-rikorsi u tad-digriet maħruġ ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-23 ta' Lulju 2019. Jirriżulta li dan id-digriet ġie maħruġ minn dik il-Qorti fil-kors ta' proċeduri penali oħra li kienu pendenti kontra l-appellant u li kienu seħħew qabel id-data tal-inċident meritu ta' dan il-każ. Iżda għalkemm jirriżulta li ġie maħruġ dak id-digriet u l-ordni ta' protezzjoni kontenut fih, mill-provi ma jirriżultax x'kien l-eżitu ta' dawk il-proċeduri. Fir-rikors a fol 20 jirriżulta li r-rikorrenti parte leża stqarret li dawk il-proċeduri kienu jittrattaw allegazzjonijiet

li l-appellant kien ikkaġuna xi offiżi ta' natura ħafifa fuq il-parte leża u binha Asmail Josef Benamar.

49. Meta l-parti leża xehdet fil-kuntest tal-mistoqsijiet li sarulha inkluż dwar dan il-ħruġ tal-protection order hija tgħid li fix-xhur ta' qabel kien hemm swat, tkissir u theddid mill-appellant, li kien sejjer jeħdilha t-tfal. Jiġifieri jirriżulta li dan il-protection order inħareġ *in via cautelare* matul il-proċeduri li kienu pendenti u li skont dak li rriżulta mill-atti u konfermat bil-ġurament tal-parti leża kien marbut ma inċident ieħor li seħħ xhur qabel u li kien għadu wkoll sub iudice.

50. Jiġifieri għalkemm din il-Qorti ma tistax tgħid jekk l-appellant kienx dikjarat ħati o meno ta' dawn l-allegati episodji ta' swat, tkissir u theddid, żgur hu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – li hija l-istess Qorti li kienet qegħda tippresjedi dawk il-proċeduri l-oħra li fihom inħarġet l-ordni ta' protezzjoni - emnet lix-xiehda tal-parte civile li fix-xhur preċedenti kien hemm episodji oħra ta' vjolenza, swat, theddid eċċetra – tant li sabet lill-appellant ħati tar-reat imsemmi mill-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali li jeħtieġ prova sikura tal-course of conduct : b'dan l-episodju preċedenti ta' swat, theddid u tkissir konfermat bil-ġurament tal-parte civile jkun meqjus mill-Qorti tal-Maġistrati bħala parti minn dan il-course of conduct.

51. F'dan ix-xenarju probatorju, din il-Qorti tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-elementi tar-reat ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali setgħu jitqiesu integrati f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

52. Għal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni bbażata fuq il-ksur tal-ordni ta' protezzjoni, din il-Qorti tqis li, sabiex din l-imputazzjoni tirriżulta integrata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni jeħtieġ li tressaq is-segwenti provi:

(i) Kopja awtentika tad-digriet li permezz tiegħu l-appellant tpoġġa fuq ordni ta' protezzjoni;

(ii) Il-prova tal-identita' tal-persuna imputata ma' dik imsemmija fid-digriet li permezz tiegħu nħarġet din l-ordni ta' protezzjoni;

(iii) Il-prova li dak id-digriet kien fis-seħħ fil-jum meta ġie kommess il-ksur tiegħu; u

(iv) Il-prova li l-komportament tal-persuna imputata jammonta għall-ksur ta' kundizzjoni hekk elenkata fid-digriet li permezz tiegħu nħarġet tali ordni ta' protezzjoni.

53. A fol 23 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-Prosekuzzjoni esebiet digriet datat 23 ta' Lulju, 2019 liema digriet huwa ordni ta' protezzjoni maħruġa mill-Maġistrat Astrid May Grima fi proċeduri **Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri)(Spettur Edward Zammit) vs. Nader Abulghasem Benamar** u liema ordni ta' protezzjoni kellha tibqa' fis-seħħ għal żmien sentejn mid-data ta' meta ngħatat. Din l-ordni ta' protezzjoni nħarġet ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali sabiex tiġi protetta Sarah Jane Benamar, ulieda u l-familjari tagħha. Dan id-digriet jidher li ngħata fil-konfront ta' Nader Abulghasem

Benamar, identifikat bil-karta tal-identita' numru 24850A u ngħata taħt is-segwenti kundizzjonijiet:

a) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi lill-akkużat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Sarah Jane Benamar, it-tfal tagħha u l-familjari tagħha;

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat għal perjodu sa-sentenza finali, ġewwa l-fond fejn tirrisjedi, taħdem u tiffrekwenta Sarah Jane Benamar, uliedha u familjari tagħha kif ukoll jekk l-akkużat ikollu xi nteress legali f'dak il-fond;

c) Tipprojbixxi lill-akkużat milli jikkuntatja jew jimmolesta lil Sarah Jane Benamar, uliedha u l-familjari tagħha.

54. Għalhekk jirriżulta li ġiet esebita vera kopja awtentika tad-digriet de quo kif ukoll kien hemm il-prova tal-identiċita' tal-imputat qua appellant mal-persuna li l-identita' tagħha tidher fuq il-kopja tad-digriet hekk esebit. Jidher ukoll mid-digriet tal-ordni ta' protezzjoni li tali ordni bdiet isseħħ nhar it-23 ta' Lulju 2019 u kellha tibqa' hekk fis-seħħ sat-23 ta' Lulju 2021; iżda r-reati mertu ta' dawn il-proċeduri seħħew f'Settembru 2019 u li l-parte leża meta xehdet f'dawn il-proċeduri kkonfermat viva voce li fil-mument li seħħew ir-reati hekk imputati lill-appellant f'dawn il-proċeduri, l-ordni ta' protezzjoni kienet hekk in vigore.

55. Għalhekk huwa evidenti li l-imputat appellant aġixxa bi ksur tal-imsemmija ordni ta' protezzjoni meta avviċina lill-parte leża nhar is-6 ta' Settembru 2019 u l-Qorti tal-Maġistrati setgħet issib ħtija fl-imputat appellant għal din it-tieni imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

56. Tibqa' l-kwistjoni dwar il-piena inflitta u ċjoe jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Din il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant nonche qieset is-sottomissjonijiet tad-Difiża relattivament għall-piena mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

57. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

58. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

59. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

60. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

61. Illi f'dan il-każ, din il-Qorti jeħtieġilha illi tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet marbutin mal-aggravju dwar il-piena. L-

appellant ġie misjub ħati tal-ewwel imputazzjoni ossija l-ksur tal-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali li, dak iż-żmien li fih seħħ ir-reat, kienet tikkontempla l-piena :

> ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.[31]

62. Iżda din il-piena, bis-saħħa tal-artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali **<u>għandha</u>** tiżdied bi grad jew żewġ gradi fil-każ fejn id-delitt:

> (a) twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha:
>
> Iżda f'dan il-paragrafu "konjuġi" tinkludi persuna li ż-żwieġ tagħha mal-akkużat ġie xolt jew ġie dikjarat null;
>
> (d) id-delitt twettaq fuq jew fil-preżenza ta' minuri;

63. Imbagħad l-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali jgħid ukoll li:

> Il-piena stabbilita għad-delitti msemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202, meta u kif applikabbli, iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.

64. Jiġifieri l-minimum tal-piena dak iż-żmien kien ta' tliet xhur li, miżjud bi grad sa żewġ gradi jitla', skont l-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali, għal ħames xhur u seba' xhur priġunerija rispettivament;

---

[31] Bis-saħħa anke tal-aħħar emendi li seħħew bl-Att II tal-2021, il-piena attwali għal dan ir-reat hija ta : priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

mentri l-massimu tal-piena setgħet titla minn sitt xhur għal disa' xhur jew tnax il-xahar rispettivament. Jiġifieri l-piena ta' sitt xhur priġunerija mogħtija lill-appellant tirriżulta li hija qrib ħafna tal-anqas piena li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tagħti f'dan il-każ, ġaladarba li l-piena ma setgħetx tkun anqas minn ħames xhur priġunerija għall-ewwel reat.

65. Dan aktar u aktar meta jitqies li l-appellant ġie wkoll misjub ħati tar-reat imsemmi fl-artikolu 412Ċ(11) tal-Kodiċi Kriminali li waħdu kien jikkontempla l-piena ta' multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

66. Dan kollu juri kemm il-Liġi Maltija saret ħarxa ma dawk li jikkommettu reati hekk imsejħa ta' vjolenza domestika – reati li huma kastigati bl-aħrax mill-Liġi għal min jikkommettihom u jiġi misjub ħati tagħhom.

67. Apparti minn hekk l-appellant ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li għalkemm marbut b'ordni ta' protezzjoni maħruġ minn dik il-Qorti, huwa kiser dik l-istess ordni ta protezzjoni.

68. Issa din il-Qorti semgħet b'attenzjoni lid-Difiża tal-appellant tilmenta li l-appellant, missier ta' familja, ġie mċaħħad minn omm uliedu, bil-gideb u maniġġi tagħha, milli jara lill-uliedu u qalbu kienet tuġgħu minħabba f'hekk.

69. Jekk verament seħħ hekk f'dan il-każ, din il-Qorti tiddeplora l-użu tattiku ta' skużi ta' mard tat-tfal – meta dan ma jkunx minnu -

biex missier ma jitħalliex igawdi l-aċċess għal uliedu. Jekk verament kien hekk il-każ u l-appellant ġie mċaħħad inġustament milli jara lil uliedu bi skuża jew b'gidba, dan l-allegat nuqqas da parti ta' omm uliedu ma kienx jagħtih id-dritt li javviċina lill-omm uliedu ġaladarba kien miżmum b'ordni tal-Qorti milli jagħmel dan. Huwa ma seta' qatt minn jeddu imur kontra l-kundizzjonijiet iffissati lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'inqas minn xahrejn minn meta ingħatat tali ordni.

70. Jekk l-appellant ħass li kellu kull raġun jiddispjeċih li omm uliedu kienet qegħda ċċaħdu inġustament milli jara lill-uliedu, ir-rimedju li huwa kellu - u għandu - ma kienx dak li jmur isib lil omm uliedu fuq il-post tax-xogħol tagħha; iżda kellu jiġbor dawn il-provi u jekk ħass li kellu r-raġun imexxi bihom fil-Qorti biex juri li omm uliedu ma kienetx qegħda timxi sew miegħu.

71. Iżda meta huwa minflok għamel dan għażel it-triq li jmur isibha fuq il-post tax-xogħol, ġie li tilef dak ir-raġun kollu li huwa setgħa kellu – għax minflok ir-raġun spiċċa biex ħa t-tort ta' dan il-ksur ta' liġi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabitu ħati li għamel.

# Deċide

Konsegwentement din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu.

**Aaron M. Bugeja,**

**Imħallef**